# AFFIDAVIT

Jien hawn taħt iffirmata Alessandra Dee Crespo, bint Paul u Maria Dolores sive Dorrie née Galea, imwielda fi New York City, fl-Istati Uniti tal-Amerika, fit-18 ta' April 1971 u nirrisjedi f'Birkirkara, Malta, bil-karta tal-identità Maltija innumerata 169090 M, solennement niddikjara u bil-ġurament naħlef is-segwenti:

Jien nokkupa posizzjoni ta' Viċi-President tal-organizzazzjoni volontarja REPUBBLIKA, li hi reġistrata mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi (LPA122) u mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (VO1670).

Fil-15 ta' Settembru 2022 fid-9:35am jiena, il-President ta' Repubblika Dr Robert Aquilina, il-Professur Vicki Ann Cremona, l-Uffiċjal Eżekuttiv ta' REPUBBLIKA Manuel Delia u l-attivist Frank Piscopo dħalna l-Qorti għall-ħabta tad-9:15am biex inkunu preżenti għas-seduta li seħjet il-Maġitsrat Nadine Lia fil-kawża ta' sfida li Repubblika qed tagħmel kontra l-Kummissarju tal-Pulizija. Magħna kien hemm l-Avukat Jason Azzopardi.

Barra l-awla fejn kienet ser tinżamm is-seduta kien hemm ħafna nies.

Robert Aquilina daħal fl-awla qabel il-ħin tal-kawża u ftit wara dħalna jiena u l-kumplament ta' sħabna. L-Avukat Jason Azzopardi fl-awla ħdejn l-avukati l-oħra.

Innutajt li fl-awla kien hemm il-ġurnalisti tat-Times of Malta, ta' Newsbook u tal-Maltatoday.

Stennejna fl-awla, sakemm f'ċertu punt kellu joħroġ kulħadd minbarra l-persuni li kienu involuti f'kawża partikolari li kienet ser tinstema' bil-magħluq. Għaddew xi 20 minuta u stajna nerġgħu nidħlu lura, kif fil-fatt għamilna.

F'ċertu punt beda jinstema' l-każ ta' Repubblika.

Il-Maġistrat Lia mill-ewwel qalet fl-awla li kienet irċiviet ittra b'mod anonimu. Qalet li kienet qed tinforma wkoll lill-President tar-Repubblika biha. Dak il-ħin jiena u l-kollegi tiegħi konna eżatt wara l-Avukat Azzopardi.

L-Avukat Jason Azzopardi immedjatament għolla idu u tkellem biex juri lill-Maġistrat Lia li ried jitkellem ha jiddetta verbal. L-Avukat Azzopardi prova jitkellem għal darba darbtejn f'dak il-punt. Madanakollu, il-Maġistrat Lia mill-ewwel iddikjarat li s-smiegħ tal-każ kien spiċċa u iddifferit il-każ tagħna għas-27 ta' Ottubru li ġej. Barraminhekk il-Maġistrat mill-ewwel isssospendit s-seduta għal 5 minuti u ħarġet malajr mill-awla. Is-smiegħ tal-każ tagħhna ma damx aktar minn madwar 40 sekonda. Ma stajtx ma ninnutax l-attitudni ostili tal-Maġistrat lejn l-Avukat Azzopardi.

Kemm aħna kif ukoll l-ġurnalisti li kienu hemm bqajna ixxukkjati bil-ħeffa kbira li bih sar dan kollu u minħabba li l-Avukat Azzopardi ma tħalliex jitkellem waqt is-smiegħ.

Jiena, sħabi u l-Avukat Azzopardi tkellima ma' wħud mill-ġurnalisti li kienu preżenti hemm, ħriġna barra mill-awla u bqajna neżlin sular 'l isfel.

Naf illi Robert Aquilina waħdu ftit minuti wara reġa' tela' fl-awla. Aktar tard ċempilli u qalli li meta reġa' daħal fl-awla dam hemm madwar madwar 20 minuta oħra. Fil-fatt, Dr Aquilina għall-bidu kien qalli biex nistennih isfel fil-Qorti imma wara xi kwarta bagħat jgħidli li aħjar nitlaq għax kien għadu preżenti fl-awla.

Ilbieraħ Avukat Jason Azzopardi bgħatilna kopja ta' digriet li tat il-Maġistrat Nadine Lia dwar is-smiegħ tal-kawża dakinhar fil-15 ta' Settembru li għadda.

Meta qrajt id-digriet stgħaġibt għaliex kien fih bosta affarijiet li assolutament ma jaqblux mal-verità tal-fatti li jiena u sħabi rajna jseħħu quddiem għajnejna dakinhar tal-15 ta' Settembru.

**Alessandra Dee Crespo**
**ID 169090 M**